**28 ta' Mejju, 1965.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Gerald Vella

*versus*

Air Marshal Sir Walter S. Cheshire K.C.B., C.B., C.B.E., ne.

**Impjegat ċivili —**

*L-impjegat ċivili għandu dritt ifittex lill-Gvern biex itih il-paga li tmissu.*

Il-Qorti,

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — peress illi l-attur kien impjegat mal-Air Ministry f'Malta bħala fitter (Motor Transport), u peress illi fid-19 ta' April 1960 huwa ġie liċenzjat mill-istess impieg, u peress illi fis-seduta tal-Joint Industrial Council tat-18 ta' Lulju, 1960, ġie deċiż, u l-Air Ministry aċċettat, illi s-salarju tal-impiegati tiegħu kellu jiżdied bir-rata tal-ħmistax fil-mija (15%), u l-ħlas tal-overtime kellu jiżdied bir-rata tal-ħdax fil-mija (11%); u peress illi ġie deċiż ukoll illi din ir-rata ta' salarju u ħlas tal-"overtime" kellu jkun effettiv sa mill-ewwel ta' April, 1959, u peress illi għalhekk

dik kienet ir-rata ta' salarju u "overtime" li kienet dovuta lill-attur għall-perijodu mill-ewwel ta' April, 1959 sad-data li fiha ġie liċenzjat fid-19 ta' April 1960 kif intqal, u peress illi l-Air Ministry irrifjutat bla ebda raġuni ġusta li tħallas lill-attur id-differrenza bejn is-salarju u ħlas ta' overtime effettivament imħallsin lilu għall-perijodu fuq imsemmi u dak li huma fil-fatt dovut lill-attur skond ir-rata riveduta tal-istess salarju u overtime; u peress illi din id-differenza tammonta għal somma ta' mija u tnax-il-lira (£112) jew ammont verjuri approżżimattiv, talab li l-konvenut nomine jiġi kkundannat biex iħallas lill-attur is-somma ta' mija u tnax il-lira (£112) jew ammont ieħor approssimattiv jew iżgħar, lil dan dovuta għal bilanċ jew differenza ta' salarju, u jew ħlas ta' "overtime" minnu maħdum, matul il-perijodu mill-1 ta' April, 1959, sad-19 ta' April, 1960, bl-ispejjeż u l-interessi legali.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha qal li d-domanda tal-attur hija nfondata peress illi meta ġie mogħti l-Award tal-Joint Industrial Council huwa ma' kienx għadu fl-impieg billi kien liċenzjat minħabba li kkommetta reat u li f'kull każ l-attur m'għandux dritt ta' azzjoni kontra l-kuruna peress illi r-rapport bejn l-Istat u l-impiegat huwa unilaterali u mhux kontrattwali u minnu ma tidderivax reċiproċita ta' drittijiet u doveri: b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' 4 ta' Frar 1964 li biha t-talba ta' l-attur ġiet miċħuda, spejjeż mingħajr taxxa iżda d-dritt tar-Reġistru għall-attur wara li kkunsidrat:

Li huwa xieraq li qabel xejn tiġi trattata u deċiża "in-primis", l-eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut nomine fit-tieni lok, jekk ċioe l-attur għandux dritt ta' azjoni kontra

l-kuruna peress illi r-rapport bejn l-Istat u l-impiegat huwa unilaterali u mhux kontrattwali u minnu ma tiddenvax reċiproċita ta' drittijiet u ta' doveri. .

Li ma' hemmx kwistjoni li l-attur kien impiegat mal-Air Ministry, u li meta ġie liċenzjat fid-19 ta' April, 1960, għad ma kienx ġie proferit l-Award tal-Arbitru Hugh Lloyd William li sar effettiv fit-18 ta' Lulju, 1960, b'effett retroattiv, għal dak li jirrigwarda s-salarji u l-"overtime" tal-impjegati nterassati, mill-ewwel ta' April, 1959;

Li ma' jistax jiġi obbiettat li l-attur m'għandux interess li jippromwovi dina l-azzjoni l-lum wara li ġie liċenzjat, għaliex il-motiv a basi ta' dina l-kawża mhuwiex dak li i-attur jottieni ħlas ta' salarju u overtime li ma' humiex dovuti lilu wara l-liċenzjament, iżda biex jiġi dikjarat jekk huwiex intitolat għaż-żieda fis-salarju u fl-overtime skond l-imsemmi award, minn mindu dana sar effettiv retroattivament u sakemm huwa kien għadu mpiegat mal-konvenut nomine, inoltri, jekk l-attur ikollu favur tiegħu dikjarazzjoni simili ma' jistax jingħad li huwa ma' jistax jinforzaha u jesegwiha. (Kollez. XXXVI, I, 127); salv dak li sejjer jingħad dwar il-limiti ta' dina l-esekutorieta fil-konfront tal-Kuruna:

Li, dejjem għall-fini tal-eċċezzjoni in diżamina, dina l-Qorti mhiex sejra tidħol tiddiskuti l-opportunita u l-ġustizja tal-provvediment li bih l-attur ġie liċenzjat mill-impieg, ħaġa li l-attur anqas ma' huwa jippretendi; u anki kieku ma' kienx hekk, dina l-Qorti kienet tkun preklusa li tagħmel għaliex dina hija materja li tesorbita mill-kompetenza tagħha: infatti skond il-prinċipji tad-Dritt Kostituzzjoni

ingliis, rigwardanti l-attribuzzjonijiet tal-poter esekutiv, u r-relazzjonijiet tal-Kuruna jew ir-rappresentanti tagħha fil-Kolonji, u l-impiegati, huwa stabbilit li dawna jokkupaw il-karika tagħhom a beneplaċitu tal-Kuruna, u kwalunkwe impiegat jista' għalhekk jiġi destitwit fi kwalunkwe żmien; u s-setgħa tal-kuruna f'dana r-rigward hija kondizzjoni mpliċita fil-konferiment tal-impieg. Kif ġie ritenut fid-deċiżjoni tal-Kumitat Ġudizjarju tal-Kunsil Privat, tat-2 ta' Frar, 1895, in re "Shenton vs. Smith", ir-regolamenti Kolonjali ma' jikkostitwix kuntratt bejn il-Gvern u l-impiegat, imma jirrappresentaw serie ta' normi stabiliti biex iservu ta' gwida lill-Gvernatur fl-esplikament tad-dmirijiet tiegħu, u dwar l-osservanza tagħhom huwa għandu jagħti soddisfazzjon lis-Segretarju tal-Istat, u jistgħu jiġu, għalhekk, alterati, fi kwalunkwe żmien, anki mingħajr il-kunsens tal-impiegat "as they do not constitute a contract between the Crown and its servants". (Kollez. XXI, I, 433);

Li, pero, dina l-Qorti tħoss li hija kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-pretensjoni tal-attur, għaliex dina ma' tirrigwardax ċensura jew impunjazzjoni tal-opporunita jew tal-ġustizzja ta' xi provvediment amministrattiv; iżda sempliċi interpretazjoni tal-applikabbilita o meno tal-effetti tal-imsemmi award għaż-żmien meta l-attur kien għadu fl-impieg;

Illi fil-ġurisprudenza tagħna tirrikorri komunement id-distinzjoni ta' żewġ personalitajiet fil-Gvern; u li, t-termini "Gvern", "Stat" u "Kuruna" jikkordinaw ruħhom bejniethom u kwantu dawna jesplikaw attributi ta' sovranita jitqiesu bħala personalita politika; mentri in kwantu li huma enti patrimonjali, bħala tali għandhom jiġu kunsidrati pari għall-kwalita tal-individwalita fisika u kollettiva, għandhom jiġu għalhekk sottoposti għad-dritti ko-

muni, bħala "Subjectus idoneus" ta' relazzjonijiet ġuridiċi; kwindi in kwantu l-kuruna taġixxi in forza tal-ewwel prerogativa, issir insindakabili minn dawn it-Tribunali, għaliex tkun hekk ipprovdiet "jure imperii", pero mhux hekk għar-rigward tat-tieni attijiet li huma azjoni "jure gestionis", u għalhekk il-kuruna, f'dawna l-kasi, "tanquam privatus agisse censetur", u hija sottoposta għall-ġurisdizjoni tat-Tribunali (Kollez. XVIII, III, 69; P.A. 15 ta' Frar, 1894, in re "Busuttil vs. Laprimandye": Appell, 1 ta' Gunju 1965, 1925 in re "Dr. Busuttil vs. Onor. Prof. Mallia"; Kollez. XXVII, I, paġ. 164; Appell, 9 ta' Novembru, 1935 in re "Galea vs. Onor. Galizia, nomine"; Appell, 28 ta' Frar, 1912, in re "Boselli vs. Ronpell", Kollez. XXXV, I, 83); ġie wkoll ritenut li meta privat jagħmel kuntratt mal-Gvern fl-orbita tal-amministrazjoni, il-Gvern ikun obbligat jirrispetta dak il-kuntratt (Kollez. XXXI, I, 398):

F'dina l-materja l-Qrati Tagħna kellhom diversi okkażjonijiet biex jaffermaw il-prinċipju li "se l'atto del potere esecutivo lede un diritto civile o patrimoniale i tribunali sono competenti a prendere cognizione di quel fatto, salvo che una legge speciale non vieti il ricorso all'autorita giudiziaria" (Kollez. XXI, 147); u l-Qrati Tagħna għandhom saħansitra l-poter li jissindakaw il-validita ta' l-att tal-poter esekutiv u leġislativ, fis-sens li jaraw jekk dawk l-atti jidħlux fl-attribuzzjonijiet tal-awtorita li ordnathom, jew ġietx osservata l-forma stabilita mil-liġi (Kolleż. XXXIII, I, 65, XXVII, I, 553: XXXVI, I, 236);

Li, għalhekk, taħt dawn iċ-ċirkostanzi u in vista talprinċipji fuq esposti dina l-Qorti tirritieni li hija kompetenti li tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-attur, u konsegwentement tirrespinġi l-eċċezjoni relativa tal-konvenut nomine, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Li fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li ċioe l-attur mhux intitolat għaż-żieda kontemplata mill-imsemmi award billi ma' kienx għadu fl-impieg meta dana l-award sar effettiv, dina l-Qorti, wara eżami matur u akkurat taċ-ċirkostanzi kollha nvoluti f'dina l-materja, waslet għall-konklussjoni li dina l-eċċezjoni jisthoqqilha li tiġi milqugħa, għall-motivi infraskritti:

a) Meta ġie liċenzjat l-attur mill-impieg l-award għadu ma' kienx ġie dekretat, u kwindi, ma jistax jingħad li l-effetti tiegħu kienu sospiżi;

b) l-ispirtu li janima dana l-award huwa dak li jiġi rikonoxxut "the need to improve productivity and efficiency in the sectors of employment"; issa ma jistax jiġi konċepit, ai qas per ipotesi, li l-attur liċenzjat, kien sejjer iħoss l-influwenza ta' dana r-rikonixximent għall-fini tal-produttivita tiegħu bħala mpiegat;

c) Għalkemm l-effetti tal-awment kontemplat fl-award jirrisalu għaż-żmien meta l-attur kien għadu mpiegat, dana jfisser li l-award kellu jkollu dana l-effett fil-konfront tal-impjegati attwali biss, u mhux ta' dawk li ġa spiċċaw mis-servizz. Kieku kellu jiġi applikat il-prinċipju invers, l-effetti ta' dawna l-award messhom jestendu ruħhom anki għall-impjegati l-oħra li għal xi raġuni jew oħra (pensjoni, inabilita għax-xogħol; terminazzjoni tal-kuntratt tal-impieg, etc.) kienu għadhom fis-servizz fiż-żmien kontemplat mill-award, iżda ma' kienux għadhom impiegati meta dana l-award ġie dekretat u sar effettiv. Ipotesi dina li ma' tistax tiġi kollawdata, għaliex kuntrarja għall-prinċipji viġenti in materja ta' awment retro-attiv ta' salarji; u għaliex meta wieħed jirtira mis-servizz ma jibqax jirċevi l-kumpens għax-xogħol li jagħti taħt ta' aspett ta' salarju,

iżda kumpens għal xogħol li jkun ġa taħt il-forma ta' pensjoni, gratwita etc.:

Li in materja ta' retroattivita biex jiġi stabilit, fost il-varji kriterji suġġeriti mill-awturi, liema huwa dak li għandu jiġi preferit il-Paċifċi Mazzoni jafferma: "deve essere preferito quello del diritto quesito". (Istituzione Vol. I, para. 28 paġ. 70); u l-istess awtur jikklassifika fost dawk li għandhom effett retroattiv "Le leggi che rigwardano l'ordine, la salute e la sicurezza pubblica, giacche riguardo alla materia regolata da esse niuno puo avere diritti, il cui rispetto importa lesione di tali interessi sociali" (ibid. para. 29 paġ. 79);

Li taħt dana l-aspett il-provvediment tal-award ma' jistax jingħad li huwa "ut sic" retroattiv, għaliex kwistjoni ta' awment ta' salarju ma' tirrivertix ir-rekwisiti ġa' fuq enunċjati; pero, dina r-retroattivita ġiet stabilita mill-istess award fil-konfront tal-impjegati; u għalhekk id-dritt kwesit tagħhom għall-effetti tal-award jissussisti in kwantu huma fil-mument li ġie rikonoxxut dana d-dritt huma kienu għadhom impjegati; għaliex id-dritt kwesit intant jeżisti in kwantu jiddependi mid-dritt li attwalment qegħda tiġi applikata għalih ir-retroattivita. Fin-nuqqas tal-attwalita ta' dana d-dritt, m'hijiex konċepibbili fl-estensjoni tal-applikazjoni tiegħu għal drittijiet preċedenti għall-avverament tal-fatt li ta' lok għar-retroattivita tal-provvediment in kwistjoni:

Rat in-nota tal-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi riformata billi tiġi konfermata in kwantu r-rispenġiet bl-ispejjeż kontra l-konvenut it-tieni eċċezzjoni fuq imsemmija u tiġi revokata in kwantu ċaħdet it-talba ta' l-istess attur fil-meritu billi dik

it-talba tiġi milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine:

Rat ir-risposta tal-konvenut nomine li biha hu appella inċidentalment mill-istess sentenza u talab li tiġi riformata billi tiġi revokata fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tiegħu li l-attur ma' kellux dritt ta' azzjoni kontra tiegħu u hekk jiġi miċħud l-appell ta' l-attur billi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tiġi konfermata fejn ċaħdet it-talba tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat:

L-attur ġie liċenzjat mill-impjeg tiegħu ma' l-Air Ministry fid-19 ta' April, 1960. Biċ-ċitazzjoni hu qed jirreklama l-inkrement ta' salarju u ta' overtime li kien ġie pprovat skond il-ftehim fil-Joint Industrial Council b'effett mill-1 ta' April, 1959. L-ammont involut kif il-partijiet qablu, huwa ta sebgħin lira, ħmistax il-xelin u ħdax il-soldi (£70.15.11d). It-teżi ta' l-attur sostanzjalment hija illi r-rata tas-salarju tiegħu għall-perjodu mill-1 ta' April 1959 sa meta ġie liċenzjat kienet dik stabbilita bl-imsemmi ftehim nonostant li l-ftehim sar wara li hu ġa ġie liċenjat, ġa la darba l-ftehim kien bl-effett retroattiv.

Jekk l-attur għandu dritt għal dik id-differenza, it-talba tiegħu tammonta għat-talba għal arrettrati ta' salarju għal xogħol ġa prestat.

Il-konvenut, pero, ippretenda quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti u issa qed isostni bl-appell inċidentali tiegħu illi l-attur ma' għandux dritt ta' azzjoni kontra l-kuruna peress illi r-rapport bejn il-kuruna u l-impjegat huwa unilaterali u mhux kontrattwali u minnu ma' tidderivax reċiproċevita ta' drittijiet u doveri:

Din il-pretensjoni ma ġietx akkolta fis-sentenza appellata. L-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi l-kwistjoni ma' kienetx jekk l-attur satax jiġi jew le liċenzjat jew jekk ġiex liċenzjat ġustament, iżda l-kwistjoni kienet biss ta' sempliċi interpretazzjoni ta' l-applikabilita o meno ta' l-effetti ta' l-imsemmi ftehim għall-attur għaż-żmien li hu kien għadu fl-impieg u għalhekk hi kienet kompetenti biex tieħu konjizzjoni tat-talba ta' l-attur. Mill-kompless tas-sentenza appellata donnu jidher illi l-ewwel Onorabbli Qorti rriteniet illi l-materja involuta ma kienetx tirriferixxi għal xi att magħmul mill-kuruna "jure imperji" iżda kienet tirriferixxi għal att magħmul "jure gestionis" u li għalhekk kien jaqa taħt is-sindakat tal-Qorti. Fis-sentenza appellata ġiet ċitata diversa ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li rrikonoxxiet dik id-distinzjoni ta' personalita f'li stat.

Bir-rispett kollu din il-Qorti ma' taħsibx illi dik id-distinzjoni tista' tkun ta' għajnuna għas-soluzjoni tal-kwistjoni preżenti. Dik id-distinzjoni m'hix konoxxuta millliġi ingliża u mill-prinċipji tad-dritt kostutuzzjonali ingliż, mentri l-kwistjoni preżenti għandha tiġi riżoluta fid-dawl ta' dik il-liġi u ta' dawk il-prinċpji.

Ġa ntqal illi t-talba ta' l-attur hi sostanzjalment għallħlas ta' arretrati ta' salarju (jekk legalment dovut). Fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Jannar 1965 fil-kawża "Robert Butler vs. Anthony Camilleri nomine" din il-Qorti ġa kellha okkażjoni li turi illi fil-liġi ingliża ma' donnux li jista jingħad illi hu ċar għal kollox illi mpjegat ċivili ma' jistax jagixxi kontra l-kuruna għal ħlas ta' arretrati ta' salarju, u anqas jidher li hemm ġustifikazzjoni għal xi regola simili: anzi jidher illi l-unika sentenza tal-House of Lords fuq din il-kwistjoni hi fis-sens illi "a Crown servant can sue for his pay."

Din il-Qorti, taqbel ma' din il-veduta u għalhekk — u f'dan is-sens — ma' tistax taċċetta l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut nomine, u l-appell inċidentali tiegħu.

Fil-meritu, pero, din il-Qorti hi ta' fehma illi l-pretensjoni ta' l-attur ma' hiex fondata, u dana mhux tant għar-raġunijiet imsemmija fis-sentenza appellata iżda in vista ta' dak li rriżulta fil-kors ta' l-appell.

Mill "engagement form" eżibita mill-konvenut bin-nota tiegħu li ġiet iffirmata mill-attur jidher, fost affarijiet oħra, illi hu obbliga ruħu:

> "to observe and submit to the conditions of employment applicable to my case as prescribed or as may be prescribed from time to time, by the Royal Air Force."

Issa ġie pruvat mix-xhieda ta' Francis William Clark illi hi wahda mir-regoli ta' l-impieg osservati mir-Royal Air Force, u miż-żewġ Servizzi l-oħra wkoll, illi "when an award is made with retrospective effect, it has been the practice to pay the arrears to personnel who may have retired or resigned their post with the Department's permission in the meantime: the practice is the same in case of death. In the case of dismissal on disciplinary grounds or of resignation as an alternative of dismissal the practice has been not to pay the arrears. To my knowledge the practice has always been like that. The practice applies also to superannuation emoluments in these cases."

Għalkemm ma tidherx fuq l-"engagement form" iffirmat mill-impjegat, iżda fl-istruzzjonijiet kontenuti f-"restructed document", b'dana kollu hi parti mill-kondizzjoni-

jiet ta' l-impieg li għalihom, b'mod ġenerali l-impjegat jassoġġetta ruħu skond l-engagement form kif ġie muri hawn fuq.

Xi drabi l-kuruna tirrinunzja għal dik ir-regola f'każijiet partikolarment meritevoli: iżda din hi kwistjoni ta' diskrezzjoni tagħha.

Din il-prova ma ġiet bl-ebda mod kontraddetta mill-attur jew mill-provi tiegħu. Mhux kontraddezjoni tagħha x-xhieda ta' Simon Sciberras li qal sempliċement li "ma jafx x'jiġri dwar l-impjegati li jkunu tkeċċew għax qatt ma' kellu każ."

Meta s-Services fil-Joint Industrial Council leħqu l-ftehim fuq imsemmi dan manifestament kien soġġett għal dawk r-regoli u l-pratiki użwal ta' l-impjegi tagħhom u dawk ir-regoli u pratiki kienu kondizzjonijiet ta' l-istess impjegi. Għalhekk anki jekk jingħad illi l-ftehim fil-Joint Industrial Council kien jagħti lill-kull impjegat individwalment id-dritt li jeżiġi l-inkrement, l-attur personalment ma' kellux dak d-dritt ġa' la darba hu kien ġie liċenzjat għarraġuni dixxiplinari wara akkuża u kien hemm fil-konfront tiegħu dik ir-regola tas-servizz.

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad tant l-appell prinċipali ta' l-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu kemm l-appell inċidentali tal-konvenut nomine bl-ispejjeż kontra tiegħu, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi tikkonferma s-sentenza appellata.